# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, 15 ta’ Marzu, 2018

**Rik. Nru. 274/18JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 274/18 fl-ismijiet:

Daniela **LONG**

vs

***CHIEF EXECUTIVE OFFICER*** tal-Isptar *Mater* ; *Nursing Director* tal-Isptar *Mater Dei*; *Nursing Officer* tad-Dipartiment tal-Emerġenza; Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani (Saħħa) għas-Segretarju Permanenti għall-Ministeru għall-Enerġija u Saħħa; Direttur *People Management (Health)*; l-Avukat Ġenerali; id-Deputat Prim Ministru fil-kapaċita’ tiegħu ta’ Ministru responsabbli għas-Saħħa, għal kwalunkwe interess li jista’ jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-20 ta’ Frar, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti żżomm lill-intimati jew lil min minnhom milli “jħaddmu *nurses* illi mhumiex l-esponenti fix-xift konsistenti

fil-ħinijiet ta' xogħol magħrufin komunement bħala '*day, afternoon, off, off*' mingħajr ma jinkludu lill-esponenti fl-istess xift";

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2018, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-8 ta' Marzu, 2018;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fis-26 ta' Frar, 2018, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi qalu li l-imsemmija talba la hija mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt u dan għaliex ir-rikorrenti ma kellha l-ebda jedd '*prima facie*' xi tħares bil-ħruġ tal-Mandat u lanqas kien hemm il-ħtieġa għalih billi l-ilment tagħha jista' jitħares mod ieħor u billi, f'kull każ, il-ħsara li ssir lis-servizz tad-Dipartiment u lill-pubbliku in ġenerali jekk kemm-il darba jinħareġ il-Mandat tkun bil-wisq agħar mill-ħsara li ġġarrab ir-rikorrenti biċ-ċaħda tat-talba tagħha;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tal-intimati waqt is-smigħ tad-29 ta' Diċembru, 2016, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Marzu, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qiegħda titlob li l-intimati jħaddmux sistema ta' xogħol b'*roster* imsejjaħ "*day, afternoon, off, off*" fit-taqsima tal-Emerġenza fl-Isptar *Mater Dei* jekk ma jinkluduhiex fl-istess *roster*;

Tqis li r-rikorrenti hija infirmiera ta' esperjenza fit-taqsima tal-Emerġenza fl-Isptar *Mater Dei*;

Tqis li, wara qbil li ntlaħaq mal-Union li tirrappreżenta lill-ħaddiema tal-kategorija, fi Frar tal-2017 iddaħħal sistema ġdid ta' *rostering* ta' infirmiera b'mod li, fuq kull xift, kellu jkun hemm infirmier anzjan ('*senior nurse*') biex jissorvelja x-xogħol tal-infirmiera ta' taħtu f'dik it-taqsima u kif

ukoll boex, jekk jissejjaħ servizz ta' ambulanza, jkun jista' jakkumpanja lil dawk li jagħtu dak is-servizz;

Tqis li, meta beda jitħaddem dan is-sistema, kull infirmier intalab jagħti l-preferenza tiegħu għal liema xift jew *roster* xtq jaħdem;

Tqis li r-rikorrenti kienet għażlet is-sistema "*day, night, rest, off*";

Tqis li, f'Novembru tal-2017, hija talbet li s-sistema ta' *roster* tagħha jinbidel minn wieħed ta' "*day, night, rest, off*" għal "*day, afternoon, off, off*";

Tqis li r-rikorrenti tgħid li ngħatat il-kelma min-*Nursing Officer* intimat li kellu jagħmel li jista' biex jilqa' t-talba tagħha u jdaħħalha fir-*roster* minnha mitlub mal-ewwel bidla tal-istess *roster* wara li jiddaħħlu jaħdmu infirmiera ġodda fid-Dipartiment. Tgħid ukoll li l-istess intimat wegħedha li s-sistema ser jitħaddem fuq l-anzjanita' ("*seniority*") ta' dak li jkun. Ir-rikorrenti tgħid li, f'dik it-taqsima, hija t-tielet l-aktar infirmiera anzjana;

Tqis li meta r-rikorrenti talbet li tingħata raġuni għalfejn, minkejja li kienu għaddew bosta ġimgħat minn mindu ressqet it-talba tagħha bil-fomm, ma kinitx għadha ddaħħlet fis-sistema tar-*roster* li talbet, l-intimat għarrafha li ma setax iqis it-talba tagħha sakemm jintemm it-taħriġ ta' infirmiera ġodda li kellhom jiddaħħlu biex isaħħu l-għadd ta' infirmiera f'dik it-taqsima tal-Isptar;

Tqis li t-taħriġ imsemmi hu maħsub li jinfirex fuq medda ta' madwar tmintax-il (18) xahar. Disa' (9) infirmiera ġodda ddaħħlu fil-bidu ta' Frar u tqassmu fix-xiftijiet differenti skond ma kien jeħtieġ is-servizz, li tlieta (3) minnhom tqiegħdu fis-sistema ta' *roster* li r-rikorrenti kienet talbet li tiddaħħal fih;

Tqis li, b'ittra elettronika tat-8 ta' Frar, 2018[1], ir-rikorrenti kienet mgħarrfa (bi tweġiba għal talba magħmula minnha b'ittra elettronika ta' lejliet) li kien imiss lilha li tiddaħħal fir-*roster* minnha mitlub, liema bidla kellha sseħħ hekk kif jintemm it-taħriġ tal-infirmiera reklutati ġodda fit-taqsima tal-Emerġenza;

Tqis meta tfassal is-sistema tar-*roster* il-ġdid li talbet li tidħol fih ir-rikorrenti, kienu ntgħażlu seba' (7) infirmiera oħrajn, li ħamsa (5) minnhom kellhom anzjanita' anqas minn dik tar-rikorrenti;

---

[1] Dok "A", f'paġ 6 tal-atti

Tqis li fid-9 ta' Frar, 2018, ir-rikorrenti talbet lin-*Nursing Director* u *Nursing Officer* intimati biex jagħtuha r-raġunijiet għaliex kienu qabżuha milli jdaħħluha fl-imsemmi *roster;*

Tqis li sa dakinhar li talbet il-ħruġ tal-Mandat, ma kinitx ingħatat tweġiba;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[2];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[3]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[4];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[5]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

---

[2] Art. 873(1) tal-Kap 12
[3] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[4] Art. 875(3) tal-Kap 12
[5] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu tistrieħ ir-rikorrenti huwa dik li hija ssejħilha l-"aspettattiva leġittima" li nħalqet favuriha bil-wegħda tan-*Nursing Officer* intimat meta talbet il-bidla fis-sistema tar-*roster* li jinkludiha fih meta ssir il-bidla li kien imiss u li din il-bidla kienet ser timxi mal-anzjanita' ta' dak li jkun;

Tqis li, fl-ewwel lok, fil-qasam ta' jeddijiet proprjetarji jew it-tgawdija tagħhom (safejn jista' jitqies li l-kundizzjonijiet ta' mpieg ta' uffiċjal fis-servizz pubbliku jaqgħu f'din il-kategorija), "*by 'legitimate expectation' is meant something grounded in 'a legislative provision or a legal act bearing on the property interest in question'. The Court does not apply the concepts of 'genuine dispute' and 'arguable claim' in determining whether a 'legimitmate expectation' exists*"[6];

Tqis ukoll li t-talba magħmula mir-rikorrenti biex jinbidlilha s-sistema tax-xift kienet saret wara li hi, aktar qabel, kienet minn rajha għażlet is-sistema ta' *roster* attwali tagħha;

Tqis li t-talba li għamlet ir-rikorrenti kienet tabilfors tiddependi mill-ħtiġijiet jew eżiġenzi tas-servizz u mill-qafas ta' arranġamenti ta' xogħol imħaddma mit-treġija tal-Isptar;

Tqis li, bir-rieda tal-liġi[7], "*għall-finijiet .... ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, s-servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar il-kundizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern, ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra*";

Tqis ukoll li l-konferma mogħtija lir-rikorrenti mill-intimat dwar it-talba tagħha kienet waħda suġġetta għall-kundizzjoni li, biex it-talba tintlaqa' jrid jintemm iż-żmien ta' taħriġ lill-infirmiera l-ġodda li ddaħħlu jaħdmu fit-taqsima. Tqis li dan it-taħriġ inbeda ftit jiem qabel ma r-rikorrenti ressqet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat u huwa proċess li għadu għaddej u fadallu xi xhur biex jintemm;

Tqis, għalhekk, li d-direttiva li r-rikorrenti qegħdin isegwu ma jistax jingħad li hija, mad-daqqa t'għajn, waħda bi ksur tal-liġi;

[6] W. A. Schabas The European Convention on Human Rights: A Commentary (O.U.P. 2015) paġ. 969
[7] Ara art. 469A(6) tal-Kap 12

Tqis li fi proċedura bħal din, il-Qorti trid tara biss jekk il-jedd pretiż ikunx jidher mad-daqqa ta' għajn u ma għandux ikun li tidħol fi stħarriġ tas-siwi tal-imġiba tal-partijiet involuti, li l-post xieraq tiegħu huwa f'kawża li tistħarreġ il-mertu, jekk kemm-il darba l-affarijiet jaslu sa hemm;

Tqis għalhekk li r-rikorrenti ma seħħilhiex turi li għandha jedd *prima facie* xi tħares biex fuqu tista' titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-għemil li r-rikorrenti trid iżomm lill-intimati milli jwettqu ma jħallix ħsara fuqha, il-Qorti ssib li dan l-element ukoll ma jirriżultax.

Tqis ukoll li l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[8]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat. Dan l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[9], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li dan l-element ukoll ma jinsabx soddisfatt billi l-fatt li t-talba tar-rikorrenti ma tintlaqax bil-ħruġ tal-Mandat, ma huwa se' jġibilha l-ebda preġudizzju fil-kundizzjonijiet ta' mpieg attwali tagħha u lanqas se jissarraf fit-tnaqqir tal-anzjanita' fil-kategorija dipartimentali tagħha;

Tqis ukoll li sakemm it-talba tagħha tista' tintlaqa' hija se ġġarrab skumdita' dwar l-għażliet personali tagħha dwar opportunita' li hija tixtieq li tinqeda biha, imma ma jirriżultax li b'daqshekk hemm xi ksur ta' jedd jew li l-iskomdu b'xi mod li ma jissewwiex;

Tqis ukoll li, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħsara li tiġri jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat meta mqabbel mal-ħsara li tiġri jekk it-talba ma tintlaqax, f'tal-ewwel tkun ħsara proporzjonalment akbar minħabba li tolqot it-tħaddim ta' sistema sħiħ ta' servizz;

Tqis ukoll li t-talba tar-rikorrenti kif magħmula – jiġifieri li jitwaqqaf milli jinbeda s-sistema ta' *roster* jekk mhux bir-rikorrenti inkluża fih

[8] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[9] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

– mhuwiex tassew rimedju biex iżżomm lil xiħadd milli jagħmel xi ħaġa li tkun biex ma tiġrix ħsara lil min jitlob il-ħruġ tal-Mandat, imma hija talba biex iġġiegħel lil xiħadd jagħmel xi ħaġa, jew inkella ma jitħalla jagħmel xejn;

Tqis li, f'dan ir-rigward, li Mandat ta' Inibizzjoni jista' jinħareġ biss dwar obbligazzjoni *di non fare*[10];

Tqis għalhekk li r-rikorrenti ma seħħilhiex turi li dan l-element jirriżulta wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma ntweriex li jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2018, safejn kienet laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrenti tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, il-15 ta' Marzu, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

[10] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buhaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**